REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/464

tal-21 ta' Marzu 2019

li jibda investigazzjoni rigward il-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni ta' miżuri antidumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u li jagħmel importazzjonijiet bħal dawn soġġetti għal reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 13(3) u 14(5) tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

A. **INVESTIGAZZJONI *EX OFFICIO***

(1) Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ddeċidiet fuq inizjattiva tagħha, skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ("ir-Regolament bażiku"), li tinvestiga ċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri antidumping imposti fuq importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u biex tagħmel importazzjonijiet bħal dawn soġġetti għal reġistrazzjoni.

B. **PRODOTT**

(2) Il-prodott ikkonċernat miċ-ċirkomvenzjoni possibbli huwa l-oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina, minbarra oġġetti taċ-ċeramika li jaħżnu kondimenti jew imtieħen żgħar tal-ħwawar u l-partijiet taċ-ċeramika tagħhom li jitħnu, mtieħen tal-kafè taċ-ċeramika, senniena tas-skieken taċ-ċeramika, għodod tal-kċina taċ-ċeramika li jintużaw għall-qtugħ, tħin, tħakkik, tfettit, brix u tqaxxir, u ġebel tal-pizza taċ-ċeramika cordierite tat-tip użat għall-ħami tal-pizza jew il-ħobż, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 6911 10 00, ex 6912 00 21, ex 6912 00 23, ex 6912 00 25 u ex 6912 00 29 (il-kodiċijiet TARIC 6911 10 00 90, 6912 00 21 11, 6912 00 21 91, 6912 00 23 10, 6912 00 25 10 u 6912 00 29 10) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-prodott ikkonċernat").

(3) Il-prodott li qed jiġi investigat huwa l-istess bħal dak definit fil-premessa preċedenti, li attwalment jaqa' taħt l-istess kodiċijiet bħall-prodott ikkonċernat, importat taħt il-kodiċijiet addizzjonali TARIC elenkati fl-Anness ("il-prodott li qed jiġi investigat").

C. **MIŻURI EŻISTENTI**

(4) Il-miżuri attwalment fis-seħħ u li possibilment qed jiġu evaži huma l-miżuri antidumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 ([2]), kif emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1932 ([3]) ("il-miżuri eżistenti").

D. **BAŻI**

(5) Il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza li kien hemm riorganizzazzjoni tat-tendenzi u l-kanali tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijie ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 131, 15.5.2013, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1932 tat-23 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 273, 24.10.2017, p. 4).

(6) L-indikaturi għall-prattiki ta' riorganizzazzjoni bħal din huma żieda jew tnaqqis qawwi fl-istatistiki tal-esportazzjoni ta' ċerti kumpaniji, meta ċ-ċifri u t-tendenzi jitqabblu bejn l-2014 u l-2018. Barra minn hekk, f'diversi każijiet, l-esportazzjonijiet attwali minn ċerti kumpaniji jaqbżu l-produzzjoni ddikjarata tagħhom. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ġiet informata dwar l-investigazzjonijiet li għadhom għaddejjin tal-awtoritajiet doganali dwar l-użu ħażin ta' kodiċijiet TARIC speċifiċi.

(7) Minn dawn l-indikaturi, jidher li ċerti kumpaniji li bħalissa huma soġġetti għar-rata ta' dazju residwu ta' 36,1 % (kodiċi addizzjonali TARIC B999) jew kumpaniji soġġetti għal rata ta' dazju individwali qed ibigħu l-prodotti tagħhom permezz ta' kumpaniji oħrajn li huma soġġetti għal dazju aktar baxx. Lista ta' kumpaniji possibilment involuti f'tali prattiki tinsab mehmuża fl-Anness.

(8) Dawn il-prattiki ta' riorganizzazzjoni rriżultaw f'bidla fil-mod kif isir il-kummerċ li jirrigwarda l-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara l-impożizzjoni tal-miżuri fuq il-prodott ikkonċernat, mingħajr raġuni jew ġustifikazzjoni biżżejjed għal tibdil bħal dan għajr l-impożizzjoni tad-dazju.

(9) Barra minn hekk, l-evidenza tindika li l-effetti ta' rimedju tal-miżuri antidumping eżistenti fuq il-prodott ikkonċernat qed jiddgħajfu f'termini ta' kwantitajiet u ta' prezzijiet. Il-volumi ta' importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat żdiedu b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, hemm biżżejjed evidenza li turi li l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat qed isiru bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezz mhux dannuż stabbilit fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri eżistenti.

(10) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni għandha biżżejjed evidenza għad-dispożizzjoni tagħha li turi li l-prezzijiet tal-prodott li qed jiġi investigat qed ikunu oġġett ta' dumping meta mqabblin mal-valur normali stabbilit diġà għall-prodott ikkonċernat.

(11) Jekk il-prattiki ta' evażjoni li huma koperti bl-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, għajr dawk imsemmija hawn fuq, jiġu identifikati fl-andament tal-investigazzjoni, l-investigazzjoni tista' tkopri wkoll dawn il-prattiki.

E. **PROĊEDURA**

(12) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li teżisti biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku u li tagħmel l-importazzjonijiet tal-prodotti li qed jiġu investigati soġġetti għal reġistrazzjoni, b'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(a) **Kwestjonarji**

(13) Sabiex tikseb it-tagħrif li tqis li huwa meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-produtturi esportaturi Ċiniżi elenkati fl-Anness.

(14) Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li l-partijiet kollha interessati jikkuntattjaw lill-Kummissjoni minnufih, iżda mhux aktar tard mil-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament. Il-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament japplika għall-partijiet interessati kollha.

(15) L-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina se jiġu nnotifikati bil-bidu tal-investigazzjoni.

(b) **Ġbir ta' tagħrif u seduti ta' smigħ**

(16) Il-partijiet interessati kollha inkluż l-industrija tal-Unjoni, l-importaturi u kwalunkwe assoċjazzjoni rilevanti huma mistiedna jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn dment li dawn is-sottomissjonijiet isiru fi żmien l-iskadenza prevista fl-Artikolu 3(2). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, bil-kundizzjoni li jagħmlu talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn jenħtieġ li jinstemgħu.

F. **REĠISTRAZZJONI**

(17) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat għandhom ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni sabiex ikun żgurat li, jekk l-investigazzjoni tikkonkludi li jkun hemm ċirkomvenzjoni, ikun jista' jiġi impost ammont xieraq ta' dazji antidumping mid-data li fiha tkun ġiet imposta r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet bħal dawn.

(18) Kwalunkwe responsabilità għall-ġejjieni tiġi mis-sejbiet tal-investigazzjoni. Bit-tagħrif disponsibbli f'dan l-istadju, b'mod partikolari l-indikaturi li ċerti kumpaniji attwalment soġġetti għad-dazju residwu ta' 36,1 % (kodiċi addizzjonali TARIC B999) jew kumpaniji soġġetti għal rata ta' dazju individwali qed ibigħu l-prodotti tagħhom permezz ta' kumpaniji oħra li huma soġġetti għal dazju inqas, l-ammont ta' responsabbiltà eventwali fil-futur huwa stabbilit fil-livell tad-dazju residwu, jiġifieri 36,1 % *ad valorem* fuq il-valur ta' importazzjoni CIF tal-prodott li qed jiġi investigat, importat taħt il-kodiċijiet addizzjonali TARIC elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

G. **LIMITI TA' ŻMIEN**

(19) Sabiex ikun hemm amministrazzjoni tajba, jenħtieġ li jiġu ddikjarati l-limiti ta' żmien li fihom:

— il-partijiet interessati jkunu jistgħu jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-eżistenza tagħhom, jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub u jippreżentaw it-tweġibiet għall-kwestjonarju jew kull tagħrif ieħor li għandu jitqies matul l-investigazzjoni,

— il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu talba bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni.

(20) Ta' min jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżerċitar tad-drittijiet proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku jiddependi mill-fatt li l-parti tippreżenta lilha nnfisha fil-limiti ta' żmien indikati fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

H. **NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI**

(21) Jekk xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess jew ma tipprovdix it-tagħrif meħtieġ fil-limiti ta' skadenza stipulati, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, is-sejbiet, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(22) Jekk jinstab li xi parti interessata tkun ipprovdiet tagħrif falz jew qarrieq, it-tagħrif ma għandux jitqies u jista' jsir użu mill-fatti disponibbli b'mod konformi mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(23) Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss u s-sejbiet għalhekk ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

I. **SKEDA TAL-INVESTIGAZZJONI**

(24) L-investigazzjoni se tintemm, skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, fi żmien disa' xhur mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

J. **PROĊESSAR TA' *DATA* PERSONALI**

(25) Ta' min jinnota li kwalunkwe *data* personali miġbura f'din l-investigazzjoni sejra tiġi ttrattata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* ([4]).

K. **UFFIĊJAL TAS-SEDUTA**

(26) Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina t-talbiet għall-aċċess għall-fajl, it-tilwim fir-rigward tal-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-iskadenzi u kull talba oħra dwar id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati u tal-partijiet terzi li jistgħu jfeġġu matul il-proċediment.

(27) L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduti ta' smigħ u jagħmilha ta' medjatur bejn il-parti(jiet) interessata/i u s-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jiġu eżerċitati bis-sħiħ.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(28) Jenħtieġ li t-talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta ssir bil-miktub u jenħtieġ li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Jenħtieġ li dawn is-seduti ta' smigħ isiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fi żmien debitu.

(29) Kull talba trid tiġi ppreżentata fi żmien raġonevoli u f'qasir żmien sabiex ma xxekkilx l-andament tajjeb tal-proċedimenti. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-partijiet interessati jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta minn kmieni kemm jista' jkun wara li jseħħ l-avveniment li jiġġustifika tali intervent. Fil-prinċipju, l-iskedi ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 3 sabiex jintalbu seduti ta' smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni japplikaw *mutatis mutandis* għal talbiet għal seduti ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta. Meta t-talbiet għal seduti ta' smigħ jiġu ppreżentati lil hinn mill-iskedi ta' żmien rilevanti, l-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina wkoll ir-raġunijiet għalfejn tali talbiet saru daqshekk tard, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawn il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li jqis kif dovut l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija tal-investigazzjoni fil-ħin.

(30) Għal aktar tagħrif u dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni tal-Internet tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Inbdiet investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2016/1036 sabiex jiġi ddeterminat jekk l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina, minbarra oġġetti taċ-ċeramika li jaħżnu kondimenti jew imtieħen żgħar tal-ħwawar u l-partijiet taċ-ċeramika tagħhom li jitħnu, mtieħen tal-kafè taċ-ċeramika, senniena tas-skieken taċ-ċeramika, għodod tal-kċina taċ-ċeramika li jintużaw għall-qtugħ, tħin, tħakkik, tfettit, brix u tqaxxir, u ġebel tal-pizza taċ-ċeramika cordierite tat-tip użat għall-ħami tal-pizza jew il-ħobż, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 6911 10 00, ex 6912 00 21, ex 6912 00 23, ex 6912 00 25 u ex 6912 00 29 (il-kodiċijiet TARIC 6911 10 00 90, 6912 00 21 11, 6912 00 21 91, 6912 00 23 10, 6912 00 25 10 u 6912 00 29 10) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, importati taħt il-kodiċijiet addizzjonali TARIC elenkati fl-Anness, humiex jevadu l-miżuri imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 412/2013.

Artikolu 2

L-Awtoritajiet doganali, skont l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni dikjarati taħt il-kodiċijiet addizzjonali TARIC elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

1. Il-partijiet interessati jridu jippreżentaw ruħhom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Biex ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom jiġu kkunsidrati waqt l-investigazzjoni, il-partijiet interessati jridu jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jressqu t-tweġibiet għall-kwestjonarju jew xi tagħrif ieħor fi żmien 37 jum mid-data meta ġie ppubblikat dan ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.

3. Il-partijiet interessati jistgħu wkoll japplikaw sabiex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu ta' żmien ta' 37 jum.

4. It-tagħrif mibgħut lill-Kummissjoni għall-fini tal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw lill-Kummissjoni tagħrif u/jew *data* soġġetti għad-drittijiet tal-awtur ta' terzi persuni, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet tal-awtur li jippermetti b'mod espliċitu (a) li l-Kummissjoni tuża t-tagħrif u d-*data* għall-iskop ta' dan il-proċediment tad-difiża tal-kummerċ u (b) li jipprovdi t-tagħrif u/jew id-*data* lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom li jeżerċitaw id-dritt tad-difiża tagħhom.

5. Il-preżentazzjonijiet kollha bil-miktub, inkluż it-tagħrif mitlub f'dan ir-Regolament, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li jkun intalab trattament kunfidenzjali għalihom għandhom jiġu mmarkati "*Limited*" ([5]). Il-partijiet li jippreżentaw tagħrif matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġuni għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

6. Il-partijiet li jipprovdu tagħrif "*Limited*" huma mitluba jfasslu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, li jiġu mmarkati "For inspection by interested parties". Jenħtieġ li dawk is-sommarji jkunu ddettaljati biżżejjed biex jippermettu li s-sustanza tat-tagħrif ippreżentat b'mod kunfidenzjali tinftiehem b'mod raġonevoli.

7. Jekk parti li tipprovdi tagħrif kunfidenzjali tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tfassalx sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u bil-kwalità mitluba, il-Kummissjoni tista' tinjora tali tagħrif sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li t-tagħrif huwa korrett.

8. Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu l-preżentazzjonijiet u t-talbiet kollha permezz tal-posta elettronika inklużi dokumenti skenjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni, bl-eċċezzjoni ta' tweġibiet voluminużi li għandhom jiġu ppreżentati fuq CD-R jew fuq DVD bl-idejn jew permezz tal-posta rreġistrata. Meta jużaw il-posta elettronika, il-partijiet interessati jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għas-sottomissjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "KORRISPONDENZA MAL-KUMMISSJONI EWROPEA F'KAŻIJIET TA' DIFIŻA TAL-KUMMERĊ" ippubblikat fis-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc_148003.pdf. Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefon u indirizz validu tal-posta elettronika u jenħtieġ li jiżguraw li l-indirizz tal-posta elettronika pprovdut ikun indirizz kummerċjali uffiċjali tal-posta elettronika li jiffunzjona u li jiġi ċċekkjat kuljum. Ladarba jiġu pprovduti d-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz tal-posta elettronika biss, sakemm ma jitolbux li jirċievu d-dokumenti kollha mingħand il-Kummissjoni b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li jrid jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta rreġistrata. Għal regoli u għal tagħrif ulterjuri dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni, inklużi l-prinċipji li japplikaw għall-preżentazzjonijiet bil-posta elettronika, jenħtieġ li l-partijiet interessati jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Uffiċċju: CHAR 04/039
1049 Brussels
BELGIUM
Posta elettronika: TRADE-R700@ec.europa.eu

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

([5]) Dokument *"Limited"* huwa dokument meqjus kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Antidumping). Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

ANNESS

Kodiċi Addizzjonali TARIC	Isem il-Kumpanija	Rata tad-dazju ta' issa (%)
B351	CHL Porcelain Industries Ltd	23,4
B353	Guangxi Province Beiliu City Laotian Ceramics Co., Ltd	22,9
B359	Beiliu Changlong Ceramics Co., Ltd.	17,9
B360	Beiliu Chengda Ceramic Co., Ltd.	17,9
B362	Beiliu Jiasheng Porcelain Co., Ltd.	17,9
B383	Chaozhou Chengxi Jijie Art & Craft Painted Porcelain Fty.	17,9
B437	Guangdong Jinqiangyi Ceramics Co., Ltd	17,9
B446	Chaozhou Lianjun Ceramics Co., Ltd.	17,9
B454	Chaozhou New Power Co., Ltd.	17,9
B484	Chaozhou Xinde Ceramics Craft Factory	17,9
B492	Chaozhou Yaran Ceramics Craft Making Co., Ltd.	17,9
B508	Dehua Kaiyuan Porcelain Industry Co., Ltd.	17,9
B511	Dongguan Kennex Ceramic Ltd	17,9
B514	Evershine Fine China Co., Ltd.	17,9
B517	Far East (Boluo) Ceramics Factory Co., Ltd	17,9
B519	Fengfeng Mining District Yuhang Ceramic Co. Ltd. ("Yuhang")	17,9
B543	Fujian Dehua Rongxin Ceramic Co., Ltd.	17,9
B548	Fujian Dehua Xingye Ceramic Co., Ltd.	17,9
B549	Fujian Dehua Yonghuang Ceramic Co., Ltd.	17,9
B554	Fujian Jackson Arts and Crafts Co., Ltd.	17,9
B556	Profit Cultural & Creative Group Corporation	17,9
B560	Fujian Quanzhou Shunmei Group Co., Ltd.	17,9
B579	Guangxi Beiliu Guixin Porcelain Co., Ltd.	17,9
B583	Guangxi Beiliu Rili Porcelain Co.,Ltd.	17,9
B592	Hebei Dersun Ceramic Co., Ltd.	17,9
B599	Hunan Fungdeli Ceramics Co., Ltd.	17,9
B602	Hunan Huawei China Industry Co., Ltd	17,9
B610	Hunan Wing Star Ceramic Co., Ltd.	17,9
B619	Joyye Arts & Crafts Co., Ltd.	17,9
B627	Liling GuanQian Ceramic Manufacture Co., Ltd.	17,9
B635	Liling Liuxingtan Ceramics Co., Ltd	17,9

Kodiċi Addizzjonali TARIC	Isem il-Kumpanija	Rata tad-dazju ta' issa (%)
B639	Liling Rongxiang Ceramic Co., Ltd.	17,9
B641	Liling Santang Ceramics Manufacturing Co., Ltd.	17,9
B645	Liling Top Collection Industrial Co., Ltd	17,9
B656	Meizhou Gaoyu Ceramics Co., Ltd.	17,9
B678	Ronghui Ceramic Co., Ltd Liling Hunan China	17,9
B682	Shandong Zhaoding Porcelain Co., Ltd.	17,9
B687	Shenzhen Donglin Industry Co., Ltd.	17,9
B692	Shenzhen Fuxingjiayun Ceramics Co., Ltd.	17,9
B693	Shenzhen Good-Always Imp. & Exp. Co. Ltd	17,9
B712	Tangshan Daxin Ceramics Co., Ltd.	17,9
B724	Tangshan Redrose Porcelain Products Co., Ltd.	17,9
B742	Xuchang Jianxing Porcelain Products Co., Ltd.	17,9
B751	Yuzhou Huixiang Ceramics Co., Ltd.	17,9
B752	Yuzhou Ruilong Ceramics Co., Ltd.	17,9
B756	Zibo Boshan Shantou Ceramic Factory	17,9
B759	Zibo Fuxin Porcelain Co., Ltd.	17,9
B762	Zibo Jinxin Light Industrial Products Co., Ltd	17,9
B956	Liling Taiyu Porcelain Industries Co., Ltd	17,9
B957	Liling Xinyi Ceramics Industry Ltd.	17,9